# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI | MARZU 1953

# Memorandum tal-Għaqda

*DAN l-aħħar il-"Għaqda" bagħtet memorandum lill-gazzetti u fih uriet kemm hi ma taqbelx mal-mod li bih qegħdin ikunu mxandrin produzzjonijiet letterarji bil-Malti. Biex niftiehmu l-"Għaqda" ma ħaditx dan il-pass għax jaqbel lilha jew għal xi interessi tagħha, iżda hi għamlet hekk għax dehrilha li l-ġieh ta' l-Ilsien Malti jeħtieġ li jsir hekk, u dehrilha wkoll li jkun ta' ħsara, jekk mhux moralment żgur letterarjament, jekk jissoktaw jixxandru kitbiet bil-Malti bla ebda siwi, bla ebda ħajr u bla ebda gost.*

*Il-lum il-poplu dara jisma' x-xandir u, biex ngħidu hekk, aktar hawn min jisma' milli min jaqra, u għalhekk min jindaħal biex ixandar hu fl-obbligu mhux biss li ma jsemmax produzzjonijiet li jistgħu jkunu ta' ħsara morali, iżda wkoll għandu jfittex li dak li jxandar ikun artistiku u letterarju. Min ixandar kitbiet ta' kafkaf ikun jonqos lil dawk li jisimgħu, jidħak bihom u wkoll jinsolentahom għax igħaddihom bħala nies bla dehen, ma humiex kapaċi jagħżlu l-ikreh mis-sabiħ.*

*Mela jeħtieġ għall-ġieh ta' lsienna, għall-progress tal-koltura tagħna, għat-tagħlim tal-poplu li jixxandru produzzjonijiet tajba u serji, miktubin bid-dehen u bil-għaqal u skond ma titlob is-sengħa tal-kitba. Xogħlijiet bħal dawn ma jinkitbux ħorrox borrox, iżda jeħtieġu żmien, dehen u ħsieb. Min jindaħal għal xogħlijiet letterarji tajbin, barra li jinħtieġulu ħila u ħajra, irid ikollu s-sabar biex jagħti sura ta' ġmiel u għamla artistika. Dan ma jsirx malajr u l-awtur irid idum qatigħ imaħħaħ, italla' u jniżżel, jaħseb u jistudja biex dejjem jorqom u jżid isebbaħ ix-xogħol tiegħu, u ta' din il-ħidma kollha l-awtur għandu jkollu kumpens ġust.*

*Il-lum kulħadd iħaqqaq fuq il-jedd tal-ħaddiem, kulħadd iħambaq kontra l-esplojtazzjoni, għalhekk l-awtur li fuq kollox huwa wkoll ħaddiem tal-moħħ, jixraqlu li jieħu dak li ħaqqu. Ma tkunx ħaġa ġusta li wara żmien ta' taħbit u ħsieb, u xi drabi spejjeż ukoll, l-awtur ikollu jagħżel bejn l-ixkaffa li fuqha jib-*

*qgħu minsijin ix-xogħlijiet tiegħu jew il-loqma bħala ħlas għall-ħidma tiegħu.*

*Il-"Għaqda" ħasset li għandha tieħu l-inizjattiva biex dan in-nuqqas jissewwa. Il-lum rajna kemm kienet kbira l-ħtieġa li l-"Għaqda" titqanqal għax il-memorandum tagħna xeGħel għajdut ma' Malta kollha; il-biċċa l-kbira tal-gazzetti ippubblikaw il-memorandum tal-"Għaqda" u ikkommentaw fuqu, bosta xirkiet u assoċjazzjonijiet issieħbu mal-fehma tal-"Għaqda". Il-memorandum il-lum qajjem kuxjenza pubblika u sar moviment nazzjonali. J'Alla dan il-moviment inissel ftehim għall-ġid tal-kittieba u għall-ġieħ ta' l-Ilsien Malti, għax dan biss hu l-ħsieb tal-"Għaqda" kif taraw mill-memorandum li qegħdin inġibu hawn:—*

*"Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" stħarrġet il-qagħda tax-xandir ta' kitba bil-Malti minn fuq ir-Rediffusion u tħoss ruħha fid-dmir li tqiegħed quddiem il-pubbliku dawn il-konklużjonijiet :—*

*1. Ħafna xandir bil-Malti, għalkemm isir bil-ħsieb li jagħti pjaċir intellettwali lis-semmiegħa, hu nieqes minn dawk il-kwalitajiet edukativi u letterarji li wieħed għandu l-jedd jistenna.*

*2. Ir-raġuni ta' dan tidher li hija l-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dan ix-xandir qed isir mingħajr ħlas, jew b'xi ħlas żgħir, u mħabba f'hekk il-Kumpannija tar-Rediffusion ma tistax tagħti lis-semmiegħa tagħha xandir ta' kwalità tajba li mhux biss jogħġob imma jeduka wkoll.*

*3. Billi x-xandir ta' qari, kitba, taħdit, eċċ., isir mingħajr ħlas, ftit huma dawk il-kittieba tajba li jaċċettaw jitkellmu minn fuq ir-Rediffusion.*

*4. Jiddispjaċina ngħidu li l-Kumpannija tar-Rediffusion għax issib ruħha moqdija bis-servizzi li jagħtu b'xejn xi xandara u kittieba mhix tħoss il-ħtieġa li tgħolli l-kwalità tas-servizzi bil-Malti.*

*5. Billi x-xandir bil-Malti mir-Rediffusion jisimgħu kważi l-poplu kollu u l-għadd ta' l-"abbonati" jilħaq l-eluf, il-kwistjoni ta' dax-xandir ma tistax titqies aktar bħala ħaġa privata. Wisq nibżgħu li l-effett ta' dak li jinstama' minn fuq ir-Rediffusion jista' jkun ta' ħsara għall-formazzjoni tal-karattru u l-mentalità tal-poplu, għall-edukazzjoni ta' palat letterarju u artistiku, u hekk jinħoloq, u biż-żmien jikber, konflitt bejn ix-xogħol edukattiv magħmul mill-iskejjel u l-effetti anti-edukattivi tas-*

*servizzi bil-Malti mxandra mill-Kumpannija. Insemmu fost ħwejjeġ oħra bħala eżempju l-qari ta' rumanzi melodrammatiċi li l-lum huma mwarrba minn kull min jifhem fil-letteratura.*

*6. Ta' min ifakkar illi l-B.B.C. fl-Ingilterra u kumpannijiet oħra f'pajjiżi progressivi qatt ma jinqdew b'xogħol letterarju bla ma jħallsuh kif jixraq. Hi l-fehma tagħna li jekk il-Kumpannija tar-Rediffusion timxi bl-istess mod—kif inhu xieraq li tagħmel—hi tkun tista' tinqeda mhux biss b'xogħlijiet tajba u ta' fejda iżda li jagħtu pjaċir ukoll; u b'hekk il-Kumpannija tkun qiegħda tagdi dmirha tassew mas-semmiegħa tagħha."*